SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ

L-Ewwel Ċiklu

MARK BONELLO

# IL-PRINĊIPJU TA' L-EFFETT DOPPJU

Xogħol ippreżentat bħala parti
mil-kors tat-Teoloġija Morali

Rabat – Għawdex

Mejju 2007

# WERREJ

1. X'inhu l-Prinċipju ta' l-Effett Doppju? 3

2. Każijiet li japplikaw il-Prinċipju ta' l-Effett Doppju 4

3. Kritika tal-Prinċipju ta' l-Effett Doppju 7

4. Konklużjoni 9

5. Bibblijografija 10

# 1.

# X’INHU L-PRINĊIPJU TA’ L-EFFETT DOPPJU?

Il-prinċipju ta’ l-effett doppju huwa ħafna drabi applikat biex juri l-permessibiltà ta’ l-azzjoni tajba li mhux biss għandha effett tajjeb imma wkoll effett ħażin. Dik l-azzjoni hija permessa li tikkawża t-tali deni, il-mewt ta’ bniedem, biex jitwettaq riżultat tajjeb bil-kundizzjoni li ma tistax tikkawża t-tali deni bħala mezz li ġġib l-istess riżultat tajjeb.

It-Teoloġi jgħallmu li hemm erba’ kundizjonijiet li għandhom ikunu rispettati biex persuna tkun tista’ twettaq din it-tip ta’ azzjoni.

1. L-att fih innifsu għandu jkun moralment tajjeb jew ta’ l-inqas indifferenti.
2. L-aġent m’għandux pożittivament jixtieq l-effett ħażin imma jista sempliċiment iħallih isir. Però jekk ikun jistà jikseb l-effett tajjeb mingħajr l-effett ħażin, għandu jagħmel dan. L-effett ħażin huwa xi drabi kkunsidratt bħala mixtieq indirettament.
3. L-effett it-tajjeb għandu joħroġ immedjetament mill-azzjoni. Fi kliem ieħor, l-effett tajjeb għandu joħroġ direttament mill-azzjoni u mhux mill-effett ħażin. Inkella, l-aġent jkun qed juża mezz ħażin biex iġib riżultat tajjeb, u dan mhux permess moralment.
4. L-effett tajjeb mixtieq għandu jkun biżżejjed biex ipatti għall-effett ħażin li jigri b’konsegwenza. Biex tittieħed deċiżjoni hemm ħafna fatturi li jridu jiġi elaborati u mqabbla b’importanza u prudenza proporzjonata skond l-importanza tal-każ. Madanakollu, effett li jgħin jew li hu ta’ detriment għas-soċjetà ġeneralment għandu aktar importanza minn wieħed li jaffetwa lil individwu wieħed; effett li żgur li se jiġri għandu aktar importanza minn dak li huwa biss probabli; effett ta’ natura morali għandu mportanza akbar minn wieħed li jittratta ma’ affarijiet materjali.

Minn dawn l-erba’ kundizzjonijiet, l-ewwel tnejn huma regoli ġeneral tal-morali. Ħadd m’għandu permess li jagħmel azzjoni moralment ħażina. Lanqas ma għandu jixtieq pożittivament effett ħażin, anke jekk l-att hu altrimenti leġittmu. It-tielet u r-raba’ kundizzjoni jappartienu speċifikament għall-prinċipju ta’ l-effett doppju.

# 2.

# KAŻIJIET LI JAPPLIKAW IL-PRINĊIPJU TA' L-EFFETT DOPPJU

Jeżistu diversi każijiet li għalihom nistgħu napplikaw il-prinċipju ta' l-effett doppju. Dawn huma esperjenzi li għaddew minnhom xi persuni b'mod speċjali dawk riċenti fil-kamp tal-mediċina.

Id-diskussjoni tal-prinċipju fid-dettalji tekniċi tiegħu hu riċenti fit-Teoloġija Kattolika. San Tumas t'Akwinu għandu jingħata l-kreditu talli introduċa dan il-prinċipju tal-effett doppju. Fid-diskussjonijiet tiegħu tal-permissibilità tad-difiża persunali fis-Summa Teoloġika tiegħu (II-II, Qu. 64, Art.7) jargumenta li: jekk wieħed joqtol l-agressur tiegħu, l-għemil tiegħu hu ġġustifikat jekk ma kellux l-intenzjoni li joqtlu. San Tumas josserva li "xejn ma jfixkel dak l-att li jista' jkollu żewġ effetti, li wieħed minnhom biss ikun intenzjonat, waqt li l-ieħor hu permess... Hekk ukoll, l-att tad-difiża persunali jista' jkollu żewġ effetti: wieħed li jsalva ħajtu; u l-ieħor li joqtol l-aggressur."[1]

Fit-Testment il-Qadim, wieħed jiltaqa' ma' eżempju ċar ta' applikazzjoni leġittima tal-prinċipju ta' l-effett doppju fil-każ li semmejna. Elgħażar, li kien lhudi, kien qed jiġġieled fl-armata tal-Makkabej kontra għadu feroċi u b'saħħtu. Hu lemaħ iljunfant li fuqu ħaseb li kien hemm rikeb is-sultan ta' l-għedewwa. Elgħażar daħal taħt l-iljunfant u qatlu, filwaqt li kien jaf li hu kien se jiġi mgħaffeġ, imma bit-tama li joqtol jew li jpoġġi fil-periklu l-ħajja tal-mexxej ta' l-għedewwa u jsalva l-poplu Lhudi.[2]

Dan il-prinċipju hu relevanti għal ċertu każijiet fil-kamp tal-mediċina. L-amministrazjoni ta' doża qawwija ta' 'painkillers' hi xi drabi permessa biex ikun hemm serħan mill-uġiegħ f'każijiet ta' mard terminali, anke meta din se tħaffef il-proċess tal-mewt. Xi wħud, anke Moralisti Kattoliċi, jżommu li dan l-att hu moralment differenti minn

---

[1] THOMAS AQUINAS, *Summa Theologica II-II*, Q. 64, art. 7, "Of Killing", (13th c) in WILLIAM P. BAUMGARTH - RICHARD J. REGAN, *Fuq il-liġi, il-Moralità u l-Politika*, Indianapolis/Cambridge 1988, 226-7.

[2] Ara 1Mak 6: 43-46.

ewtanasja deliberata għas-serħan mill-uġiegħ.

Eżempju ieħor huwa dak ta' manifattur tal-mediċina li jaf li filwaqt li l-mediċina tista' ssalva ħafna ħajjiet, numru żgħir ta' persuni se jmutu minnħabba s-'side effects' tagħha. Il-fatt li din il-mediċina qiegħda tiġi manifatturata, fih innifsu huwa att moralment newtrali, meta nassumu li l-ebda prattika ta' riċerka ma' hi kontra l-morali, u li l-ħaddiema huma kompensati b'mod ġust, eċċ. Il-ħajjiet huma salvati bħala riżultat tal-mediċina mhux bħala riżultat tal-mewt ta' dawk li mietu mis-'side effects'. Fl-aħħar mill-aħħar, in-numru ta' dawk salvati hu ħafna akbar min-numru ta' dawk mejta, u għalhekk il-kundizjoni tal-proporzjonalità hi sodisfatta. Xi moralisti jżidu l-ħames kundizzjoni, li hi li m'għandu jkun hemm l-ebda alternattiva oħra biex isir dan. Għalhekk, li kieku kien possibli li jinstab xi mod ieħor moralment aċċettat ta' kif jiġu salvati l-ħajjiet mingħajr ir-riskju tal-mewt bħala 'side effect', ma jkunx permess li tiġi magħmula din il-mediċina.

Dan il-prinċipju jidher li huwa wkoll ta' użu f'sitwazzjonijiet ta' gwerer. Fi gwerra ġusta, huwa moralment aċċettat li tibbumbardja l-kwartieri ta' l-għedewwa biex twaqqaf l-gwerra fi żmien qasir, anke jekk xi pajżani fit-toroq ta' madwar il-kwartieri jistgħu imutu. Għax, f'dan il-każ, l-effett il-ħażin, jiġifieri l-mewt tal-pajżani, mhux disproporzjonat ma' l-effett tajjeb li twaqqaf u tispiċċa l-gwerra mill-aktar fis possibli, u l-imwiet tal-pajżani mhumiex intenzjonati mill-bumbardiera, la bħala riżultat u anqas bħala mezz. Min-naħa l-oħra, li tibbumbardja orfanatrofju biex titterrorizza l-għadu ħalli jċedi huwa inaċċettabli, għax l-imwiet ta' l-orfni jkun intenzjonat, u f'dal-każ huwa mezz biex titwaqqaf il-gwerra kmieni.

Għalhekk, il-prinċipju ma jippermettix każijiet, li fihom toqtol il-fetu biex tiġi preservata l-ħajja ta' mara tqila, minħabba li hawnhekk hawn att ħazen, il-mewt tal-fetu, li huwa direttament intenzjonat. Xi filosfi jargumentaw li l-ikbar valur hu li żżomm il-ħajja tal-mara t-tqila bħala effett tajjeb u li dan l-att jagħmel il-kranjotomija (it-tagħffiġ ta' ras il-fetu) moralment aċċettata. Oħrajn ma jaraw l-ebda differenza bejn il-qtil tal-fetu li hi 'foreseen' fil-każ ta' l-utru kankruż u l-qtil dirett fil-każ tal-kranjotomija.

Eżempju ieħor hu li jkun ħażin li kieku titfa xi persuna fil-passaġġ mnejn se jgħaddi tròli bla kontroll biex jiġi mwaqqaf u miżmum milli jolqot ħames persuni oħra; dak ikun jinkludi ħażen intenzjonat għax qed tuża lil dak il-wieħed bħala mezz biex issalva l-ħamsa l-oħra. Imma jkun permess li kieku t-tròli bla kontroll jiġi mxaqleb (diversed) lejn il-passaġġ li

fih persuna waħda milli għal dak il-passaġġ li fih ħamsa; f'dan il-każ wieħed qiegħed jara l-mewt tal-wieħed bħala 'side effect' u li tista' ssalva l-ħamsa l-oħra imma ma jagħmilx dan intenzjonalment.

Li tissagrifika l-ħajja tiegħek innifsek biex issalva dawk ta' oħrajn tista' tiġi mifhuma differenti mis-suwiċidju billi tara l-intenzjoni ta' l-aġent. Eżempju: suldat li jitfa' lilu nnifsu fuq bomba li se tisplodi għandu l-intenzjoni li jkun ta' tarka għall-oħrajn mill-blast u jkun qiegħed jara bil-quddiem il-mewt tiegħu; b'kuntrast, persuna li tikkommetti suwiċidju jkollha l-intenzjoni li ġġib il-ħajja tagħha fit-tmiem.

# 3.

# KRITIKA TAL-PRINĊIPJU TA' L-EFFETT DOPPJU

Jeżistu xi każijiet meta dan il-prinċipju ma jilħaqhomx u għalhekk ma jkunx jista' jiġi applikat. Insemmu tlett interpretazjonijiet żbaljati ta' dal-prinċipju li huma komuni.

L-ewwel interpretazzjoni żbaljata hija li tgħid li l-prinċipju ta' l-effett doppju jmiss dawk l-atti li jikkawżaw effetti ħżiena li kienu 'foreseen side effects' imma li jwasslu għal riżultat tajjeb. L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-effett doppju dejjem tissupponi li l-kundizzjoni tal-proporzjonalità tkun sodisfatta.

Xi moralisti argumentaw li hu meħtieġ li tiżdied kundizzjoni oħra: li l-aġenti għandhom jaraw kif inaqsu d-deni li se jiġri anke jekk dan jinvolvi l-aċċettazzjoni ta' aktar riskju. Din il-kundizzjoni tkun tiddependi miċ-ċirkustanzi tal-mument ta' l-aġent u l-għażliet li jeżistu. Għalhekk, pereżempju, ladarba llum għandna mezzi tekniċi ġodda ta' kif tittratta l-uġiegħ, dak li dari kien adekwat u ġustifikat biex ikun hemm serħan mill-uġiegħ anke jekk tħaffef il-proċess tal-mewt issa għandu mnejn m'għadux adekwat għax it-teknika tal-lum għandha mnejn tipprovdi alternattiva aħjar ta' kif tieħu ħsieb l-uġiegħ mingħajr ma' tħaffef il-mewt.

Fl-applikazzjonijiet tal-prinċipju tal-effett doppju d-deni hu biss 'a forseen side effect' li jwassal għal riżultat tajjeb u mhux tara d-deni bħala r-riżultat aħħari. Li timmira li tipproduċi deni lil xi ħadd bħala riżultat aħħari, mhuwiex il-kompitu ta' dan l-prinċipju għax il-prinċipju jissupponi li l-aġenti ma jimmirawx li jikkawżaw deni moralment gravi bħala riżultat aħħari imma li jigwida deċiżjonijiet li jikkawżaw deni biex jinkiseb riżultat moralment tajjeb. Pereżempju, l-effett doppju jiġġustifika dawk l-atti li jipprovdu mediċini lil pazzjenti morda b'mard terminali biex jonqos l-uġiegħ bis-'side effect' li tkun qed tħaffef u tqarreb il-mewt, imma jeħodha ma dawk li jipprovdu mediċini lil pazzjenti biex iħaffu u jqarbu l-mewt u b'hekk inaqssu s-sofferenza li l-uġiegħ iġib miegħu.

Il-prinċipju ta' l-effett doppju hu indirizzat għal aġenti b'intenzjoni tajba li jsaqsu jekk jkunux se jikkawżaw deni serju biex iġibu riżultat tajjeb meta hu impossibli li ġġib

riżultat tajjeb mingħajr deni. Il-prinċipju jassigura l-aġenti li jistgħu jagħmlu dan jekk l-għan ultimu tagħhom huwa wieħed tajjeb u li l-kundizzjoni tal-proporzjonalità tkun mħarrsa u li d-deni hu mnaqqas.

# KONKLUŻJONI

Mhuwiex ċar għal kollox jekk dawk l-eżempji kollha ta’ l-effett doppju humiex iġġustifika bi prinċipju wieħed.

Dawk li jipproponu l-prinċipju tal-effett doppju dejjem għarfu li l-kundizzjoni proporzjonata għandha tiġi mħarrsa meta l-effett doppju huwa applikat, imma din il-kundizzjoni tipikament tirrikjedi biss li l-effett tajjeb ikun akbar minn dak l-effet ħażin li hu ‘foreseen’, jew li jkun hemm raġunijiet biżżejjed biex tikkawża l-effett ħazin.

X’taħseb fuq il-każ ta’ Elgħażar?

Jidher li Elgħażar ried joqtol l-iljunfant biex itellef is-suċċess tar-rebħa tal-għadu billi joqtol lil dak li kien imexxi l-ġlieda kontra l-Lhud.  Hu ppreveda li jista jmut mgħaffeġ taħt l-annimal, u dan hu deni previst imma mhux intenzjonat fl-azzjoni li toqtol l-annimal. Bil-mewt tal-iljunfant, li hu ried, ried jostakula r-rebħa tal-għadu.

# 5.

# BIBBLIJOGRAFIJA

*Id-Dottrina ta' l-Effett Doppju* (on-line) : http://www.plato standord.edu/entries.double-effect (28 Jul, 2004)

*Il-Prinċipju ta' l-Effett Doppju* (on-line) : http://www.en.wikipedia.org/wiki/

*Il-Prinċipju ta' l-Effett Doppju (*on-line) : http://www.trosch.org/phi/dbl-efft.htm

PESCHKE KARL H., *Etika Kristjana. It-Teoloġija Morali fid-Dawl tal-Vatikan II*, ii/Teoloġija Morali Speċjali, Birmingham 2000.

WILLIAM P. BAUMGARTH - RICHARD J. REGAN, *Fuq l-liġi, il-Moralità, u l-Politika*, Indianapolis/Cambridge 1988.

WISTIN SANTU, *De libero Arbitrio Voluntatis*, Charlottesville 1947, 9-10.